SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sebgħa u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgha 30 ta' April 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

Il-kunsillier John Mercieca rrefera għall-Minuti tal-laqgħa ta' qabel fejn semma li ma hemmx imniżżel li huwa talab sabiex niltaqgħu mal-perita. Is-Sindku wieġeb li fil-laqgħa konna semmejna li l-ewwel tippreparalna l-pjanti u mbagħad wara jiġu diskussi dawn il-pjanti mal-Perita, il-loġika titlob li l-prinċipju għandu jiġi maqbul minn qabel, id-diskussjoni mal-perita tkun fuq il-kontenut.

## 3.0 Evalwazzjoni tal-offert tal-bankini fi Triq id-Duluri

3.1 Is-Sindku rrefera għall-offerti mitfugħa għat-tenders tal-bankini ta' Triq id-Duluri.

L-offerti mitfugħa kienu mingħand:-

Bugeja Bros (Gozo) Ltd għal prezz ta' €10,341.25
Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €14, 562.51
Joe Grima għal prezz ta' €16,222.59

3.2 Wara li l-Kunsill evalwa u analizza l-Work Description u l-Bill of Quantities, qabel unaniment li l-għażla għandha taqa fuq Bugeja Bros, peress li l-offerta tagħhom tikkwalifika mal-kriterji mitluba u hija l-orħos waħda.

3.3 Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra lir-residenti ta' din it-triq biex jinfurmahom b'dan il-proġett.

**4.0 Update dwar il-proġett tal-knisja.**

4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Evaluation Committee dwar il-progett tal-knisja wasal (biex ikkonkuda l-offerti u rriżulta li –kuntratt tax-xogħol tar-restawr fuq il-faċċata tal-knisja ntrebaħ minn Grima & Tabone. Huwa semma' li saret laqgħa mal-kuntrattur u kienet pożittiva ħafna. Li jmiss issa huwa li jsir l-iffirmar tal-kuntratt bejn il-Parroċċa u l-kuntrattur u x-xogħol jinbeda immedjatament. Huwa nforma lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin l-preparazzjonijiet biex jibda l-aġġudikar tat-tenders l-oġra jiġifieri tal-pittura u ta' l-orgni.

**5.0 Ir-rebħ tal-kampjonat tas-St. Laurence Spurs**

5.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Kunsill għandu għall-qalbu l-ħidma li qed iwettaqu l-għaqdiet volontarji li għandna fir-raħal fosthom is-St. Laurence Spurs li qed jgħin lill-kunsill sabiex jżomm ħaj l-isports fil-lokalita'. Is-Sindku propona li fl-okkażżjoni tal-rebħ tal-kampjonat tat-tieni diviżjoni jisraq li l-Kunsill jirrikonoxxi din il-ħidma billi nagħtu tifkira lil kull plajer u lil Kumitat. Huwa propona li nagħtuħ album bir-ritratti tal-esperjenzi sportiva tagħhom matul dan l-istaġun. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.0 L-applikazzjoni ERDF Axis II – Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġiet sottemessa l-applikazzjoni ERDF Axis II ta' l-Unjoni Ewropea li taħtha applikajna għall-proġett tal-pjazza. Jekk l-applikazzjoni tiġi accettata fil-massimu tagħha, il-Kunsill ikun akwista is-somma ta' €450,000 għal dan il-proġett.

**7.0 L-ewwel diskussjoni fuq il-pjanta (draft) taċ- Ċentru Ċiviku**

7.1 Il-kunsillier Joe Sultana staqsa lis-Sindku jekk huwa kkonsultax mal-pubbliku fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li jħoss li l-ewwel għandu jkun l-Kunsill li jiġi kkonsultat u jkun il-Kunsill li jaqbel fil-prinċipju, meta jkollna aktar dettalji dwar il-proġett, u jsir il-qbil li għandu jsir il-proġett, is-Sindku qal li inkunu f'pozizzjoni li nlaqqgħu l-pubbliku. Huwa qal pero li tkellem ma xi nies, speċjalment ġejjin mill-għaqdiet dwar x'qed jiġi diskuss fuq dan il-proġett u jidher li qed jintlaqa tajjeb. Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Luiġia Grima komplew jisaħqu fuq il-prinċipju li d-daħla ta' l-iskola m'għandha qatt tidjieq jew tingħalaq u kompla jkun hemm enfasi li l-għassa għandha tifforma parti mil-binja sħiħa taċ-ċentru ċiviku u d-

daħla ta' l-iskola tiġi trasformata fi pjazza biex ikun hemm aċċess dirett għaċ-ċentru ċiviku u s-servizzi kollha li ser ikun hemm fih.

Hawnhekk il-kunsilliera Joe Sultana u John Merciea orggezzjonaw għal-fatt li l-għassa tinbena mal-kumplament taċ-ċentru ċiviku huma saħqu li l-għassa għandha tinbena flok wieħed mill-ġonna li hemm fid-daħla ta' l-iskola. Hawnhekk qamet id-diskusssjoni li l-iskop wara l-proġett huwa li s-servizzi jkunu miġbura f'post wieħed u li kull servizz ikollu aċċess dirett u huwa propju għalhekk li qed jiġi suġġerit li tiġi rtirata l-gate ta' l-iskola 'l ġewwa u tinħoloq pjazza u parking quddiem il-binja taċ-ċentru ċiviku. Is-Sindku qal li ma jaħsibx li jkun tajjeb li l-għassa li tinfetaħ darba fill tkun qed testokola ċ-ċentru ċiviku li jrid jagħti servizz kulljum liċ-ċittadini tagħna.

Wara diskussjoni twila bejn il-kunsilliera kollha is-Sindku talab vot dwar dak li kien diskuss u rriżulta li s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsilliera Luiġia Grima qablu li tinfetaħ pjazza bħala open-space filwaqt li l-kunsillier Joe Sultana u John Mercieca jaqblu li l-għassa tal-pulizija għandha tinbena għat-triq minflok wieħed mill-ġonna. Kien hemm qbil li għandna noħorġu xi informazzjoni fuq l-avviżi tal-Kunsill u aktar 'il quddiem meta jkollna pjanti avvanzati f'idejna, insejħu laqgħa għall-pubbliku u l-pjant titwaħħal wkoll fin-notice board tal-pjazza. Il-Kunsillier John Mercieca tenna t-talba tiegħu biex niltaqgħu mal-perita.

**8.0 Partecipazzjoni fin-Notte Gozitana – The Gozo Experience**

8.1 Is-Sindku rrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali Għawdxin fin-Notte Gozitana. Il-Kumitat tan-Notte tallab li kull Kunsill ikollu stand għalih biex jipromwovi l-lokalita'. Huwa propona li għandna ninkarigaw lill-grupp tal-Folkgrupp sabiex jieħdu ħsieb huma li jarmaw u janimaw l-istand permezz ta' ikel tradizzjonali, ħdim tal-bizilla, żfin tal-folk u lbies tal-kostum. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u kien hemm qbil li għandna nagħtuhom €250 tal-ispejjes u tal-inkarigu.

**9.0 Ħarġa għall-anzjani**

9.1 Sar qbil li fit-28 a' Mejju għandna nerġgħu norganizzaw ħarġa oħra għall-anzjani.

**10.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti.**

10.1 Is-Segretarja għaddiet l-iskeda tal-pagamenti u tad-dħul tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-pagamenti konċernati.

**11.0 Materji oħra**

11.1 Is-Sindku saqsa lill-kunsillier Joe Sultana kif mar mal-water reduction system li kien mitluba li jipprova wara l-laqgħa ta' qabel. Huwa semma' li huwa prova l-kit u sabhom tajbin pero huwa semma' li jeżistu orħos. Is-Sindku ppropona li għandna niġbru stima ħalli nipproċedu.

11.2 Is-Sindku rrefera għall-ewwel kors dwar il-kura tal-anzjani. Huwa semma li kors ieħor ser isir is-Sibt 8 ta' Mejju.

11.3 Is-Sindku irrefera għall-iskema tal-PV u għal fatt li ġiet sospiża min-naħħa ta'l-MRA. Huwa semma li l-applikanti rċevew nota mill-MRA dwar dan u li meta jerġgħu jinfetħu l-applikazzjoniet, l-applikazzjoni tagħhom ser tingħata preferenza.

11.3 Is-Sindku rrefera għall-iffirmar tal-Covenant of Mayors li sar ġewwa Brussels. Huwa fisser x'inizjattivi jistgħu jittieħdu favur energy saving la darba ffirmajna dan l-iffirmar . Huwa propona li għandna nindagaw u naraw kif nistgħu nkomplu naħdmu din id-darba taħt dan il-ftehim. Huwa ppropona li ndaħħlu l-proġett tar-roti.

11.4 Is-Segretarja rreferiet għal problema li nqalgħet dwar l-open skip li jiġi pprovdut taħt il-kuntratt eżistenti mill-kuntrattur Joseph Attard kull nhar ta' Sibt. Il-kuntrattur qed jitlob żieda sostanzjali b'effett immedjat relatat mal-miżati konnessi mat-tbattil tal-iskips. Hawnhekk saret diskussjoni u rriżulta li minkejja ż-żieda fil-prezz is-servizz tal-iskip darba fil-ġimgħa huwa meħtieġ. Għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ offerta ġdida biex naraw jaqblilniex nibqgħu bis-servizz li għandna jew nagħżlu offerta ġdida.

11.5 Is-Sindku rrefera għas-servizz tac-Childcare Centre u dwar il-possibilita' li dan is-servizz jigi estiż għal 5 darbiet fil-ġimgħa, jiġifieri bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Il-Kunsill qabel li għandna nibdew bi prova fix-xhur tas-sajf imbagħad naraw kif inkunu sejrin u niddeċiedu x'ser jiġri fix-xitwa. Sar qbil ukoll li l-miżata mitluba għandha tiżdied għal €1.20 is-siegħa.

11.6 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand is-sid tar-restaurant Tatitas biex nagħtuh permess temporanju biex joħroġ l-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jtih permess eżatt kif kien maqbul is-sena l-oħra.

Il-laqgħa ntemmet fis-7;00 ta' filgħaxija.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***